

Brussell, 23 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10182/24

RECH 242
ERAC 17
EDUC 179
COMPET 579
IND 277
MI 525

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	23 ta' Mejju 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9330/1/24 REV 1	
Suġġett:	It-tiżiħ tal-valorizzazzjoni tal-għarfien bħala għodda għal industrija reżiljenti u kompetittiva u għal awtonomija strateġika f'ekonomija miftuħa fl-Ewropa - konklużjonijiet tal-Kunsill (approvati fit-23 ta' Mejju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar *It-tiżiħ tal-valorizzazzjoni tal-għarfien bħala għodda għal industrija reżiljenti u kompetittiva u għal awtonomija strateġika f'ekonomija miftuħa fl-Ewropa*, approvati mill-Kunsill fl-4026 laqgħa tiegħu li saret fit-23 ta' Mejju 2024.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR IT-TISĦIĦ TAL-VALORIZZAZZJONI
TAL-GĦARFIEN BĦALA GĦODDA GĦAL INDUSTRIJA REŻILJENTI U
KOMPETITTIVA U GĦAL AWTONOMIJA STRATEĠIKA F'EKONOMIJA MIFTUĦA
FL-EWROPA**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Novembru 2021 dwar il-Governanza futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER)¹, fejn qabel dwar l-Aġenda ta' Politika taż-ŻER 2022-2024 b'azzjoni speċifika rigward l-aġġornament tal-gwida tal-UE għal valorizzazzjoni aħjar tal-għarfien, bl-iżvilupp u l-approvazzjoni ta' Prinċipji Gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Novembru 2022 dwar l-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni l-Ġdida (NEIA)², li enfasizzaw l-importanza li jiġi aċċellerat l-aċċess għal finanzjament għat-tkabbir għal negozji ġodda u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jitrawmu, jinġibdu u jinżammu t-talenti, inkluż fil-qasam tat-teknoloġija profonda, biex jittejjbu u jiġu kkonsolidati l-ekosistemi tal-innovazzjoni u jiġi ffaċċjat id-distakk fl-innovazzjoni fl-Ewropa;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2022 dwar Infrastrutturi ta' Riċerka³, li rrikonnoxxew il-politiki dwar l-aċċess miftuħ tal-Infrastrutturi ta' Riċerka bħala kontribut ewlieni biex jiġu stimulati l-għarfien u ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ u għal kollaborazzjoni internazzjonali msaħħa tal-Ewropa fir-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I) u tissaħħa il-kompetittività tal-ekosistema Ewropea tar-R&I globalment;

¹ 14308/21.

² 14705/22.

³ 15429/22.

- fir-Rakkomandazzjoni tiegħu (UE) 2022/2415 tat-2 ta' Diċembru 2022 dwar il-prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-ġarfien⁴ - appoġġata mill-Kodiċi ta' Prattika dwar il-Ġestjoni tal-Assi Intellettuali u l-Kodiċi ta' Prattika dwar l-Istandardizzazzjoni⁵, adottat f'Marzu 2023, kif ukoll mill-Kodiċi ta' Prattika dwar il-Kokreazzjoni bejn l-Industrija u d-Dinja Akkademika⁶ u l-Kodiċi ta' Prattika dwar l-Involviment ta' Ċittadini għall-Valorizzazzjoni tal-Ġarfien, adottat f'Marzu 2024⁷ - li tiddefinixxi l-kunċett ta' valorizzazzjoni tal-ġarfien li jinkludi l-ħolqien tal-valur soċjali u ekonomiku. Ir-rakkomandazzjoni enfazzzja l-importanza li jiġu żviluppati kultura u prattiki intraprenditorjali kif ukoll li jitrawmu ħliet trasversali u stabbiliet ukoll prinċipji gwida li għandhom jikkonċernaw inizzjattivi ta' politika mmirati għall-atturi kollha fl-ekosistema u li huma involuti f'attivitajiet ta' R&I, inkluż intermedjarji;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Mejju 2023 dwar Pubblikazzjoni akkademika ta' kwalità għolja, trasparenti, miftuħa, affidabbli u ekwa⁸, li tennew l-importanza li tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn xjenza miftuħa, u li stiednu lill-Istati Membri jagħmlu l-pubblikazzjonijiet akkadeimiċi aċċessibbli minnufih, b'mod miftuħ taħt liċenzji miftuħa u biex japplikaw il-prinċipji FAIR (traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli) u "kemm jista' jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ" għad-data tar-riċerka;

⁴ ĠU L 317, 9.12.22, p. 141-148.

⁵ ĠU L 69, 7.3.2023, p. 63–74.

⁶ ĠU L, 2024/774, 5.3.2024.

⁷ ĠU L, 2024/736, 5.3.2024.

⁸ 9616/23.

- fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2023 dwar It-tiżni tar-rwol u l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni⁹, li fakkru li l-iżvilupp reġjonali huwa prinċipalment ir-responsabbiltà tal-gvernijiet nazzjonali u reġjonali, li jistgħu jużaw il-fondi mill-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni u l-Istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (S3) biex iżidu l-interazzjonijiet u l-kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati differenti tal-ekosistemi tal-innovazzjoni u jnaqqsu d-disparitajiet; li ħeġġew lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, jippromwovu r-rwol tal-ġarfien xjentifiku u bbażat fuq l-evidenza u l-integrazzjoni trasversali tiegħu fil-politiki pubbliċi, billi tkompli l-azzjonijiet dwar l-immappjar tal-prattiki eżistenti tal-valorizzazzjoni tal-ġarfien fit-tfassil tal-politika, u stiednu lill-Kummissjoni tippromwovi strumenti u attivitajiet li jagħtu valur lill-kunċett "Xjenza għall-Politika", inkluż id-dimensjoni tal-valorizzazzjoni tal-ġarfien tiegħu;
- fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2023 dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa, li tipprovdi rakkomandazzjonijiet li ser jappoġġaw lill-Istati Membri, l-organizzazzjoni ta' riċerka, il-finanzjaturi u l-partijiet ikkonċernati biex iżidu l-istabbiltà u l-attraenza tal-karrieri fil-qasam tar-riċerka fl-Ewropa, irawmu l-mobbiltà intersettorjali u jgħammru lir-riċerkaturi b'ħiliet trasversali u mentalità intraprenditorjali.

⁹ 16450/23.

PERSPETTIVI TA' POLITIKA ĠENERALI

1. JIRREFERI għall-isforzi tal-Unjoni biex tegħleb il-vulnerabbiltà tagħha dovuta għall-kriżijiet reċenti u attwali u għas-sitwazzjoni ġeopolitika kumplessa li qed tiffaċċa, kif ukoll biex tindirizza l-isfida sabiex tnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-enerġija, il-komponenti elettroniċi u l-materja prima kritika, li jista' jkollha impatt fuq il-kompetittività industrijali tagħha, it-tmexxija teknoloġika tagħha fid-dinja, is-sigurtà, u l-benesseri taċ-ċittadini tagħha. JENFASIZZA li din is-sitwazzjoni titlob tisħiħ urġenti tar-reżiljenza tal-Unjoni u trawwim tal-awtonomija strateġika tagħha filwaqt li tippreserva ekonomija miftuħa¹⁰, li tiddependi ħafna fuq it-twassil tal-innovazzjoni fl-industrija Ewropea u fuq investimenti fil-bażi xjentifika u dik teknoloġika tal-Unjoni. JENFASIZZA li l-valorizzazzjoni aktar effiċjenti tal-għarfien hija kruċjali biex tingħata spinta lill-kompetittività industrijali tal-Unjoni fuq skala globali u tista' tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà.
2. JISĦAQ fuq il-fatt li wieħed ma jistax jiċħad li l-Unjoni hija rikonoxxuta għall-eċċellenza tagħha fil-qasam tar-riċerka, f'termini ta' kwalità, oriġinalità, impatt, kontributi internazzjonali, u rikonoxximent fost il-pari. Din l-eċċellenza hija riżultat ta' appoġġ sostnut għall-attivitajiet ta' R&I, bħal riċerka fundamentali u applikata u permezz tal-promozzjoni ta' riċerka kollaborattiva, intraprenditorija, negozji ġodda, u negozji li qed jespandu, inkluż permezz tal-Programmi Qafas suċċessivi tagħha fil-qasam tar-Riċerka u l-Innovazzjoni.
3. JAGĦRAF, madankollu, li l-UE tiffaċċa sfidi biex ir-riżultati tar-R&I jintużaw min-naħa tas-soċjetà u jiksbu valur ekonomiku y biex dan il-valur jinżamm għewwa l-UE. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi huwa prekondizzjoni għall-valorizzazzjoni tal-għarfien u huwa kruċjali għall-funzjonament tas-suq intern u għall-benesseri u l-prosperità tas-soċjetà. Il-valorizzazzjoni effettiva tal-għarfien tar-R&I hija l-pedament biex jiġi katalizzat dan il-proċess, b'hekk jiġi żgurat li l-Unjoni tiġġenera potenzjal innovattiv u tikkapitalizza fuqu.

¹⁰ "Il-kisba ta' awtonomija strateġika filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa hija objettiv ewlieni tal-Unjoni"; Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (1 u 2 ta' Ottubru 2020) – Konklużjonijiet, il-paragrafu 3, EUCO13/20.

4. IQIS li l-valorizzazzjoni tal-ġarfien hija għodda b'saħħha biex titrawwem ir-reżiljenza tal-Unjoni. Permezz ta' ingranaġġ strateġiku u billi jfissru l-ġarfien f'soluzzjonijiet prattiċi u innovattivi, l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jsaħħu l-kompetittività globali u r-reżiljenza tagħhom. Għal dan l-għan, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jiffukaw fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet Ewropej għall-valorizzazzjoni tal-ġarfien u fuq l-iżvilupp ta' kultura Ewropea b'saħħha ta' valorizzazzjoni tal-ġarfien flimkien ma' strateġija biex tissaħħaħ is-sigurtà tar-riċerka.

TISĦIĦ TAL-KAPAĊITAJIET GĦALL-VALORIZZAZZJONI TAL-ĠARFIEN

Għodod, politiki u oqfsa ta' finanzjament biex jiġu appoġġati l-attivitajiet ta' valorizzazzjoni tal-ġarfien

5. JENFASIZZA l-ħtieġa li tingħata spinta lill-għodod eżistenti u li jinbdew approċċi ġodda mfassla biex jiffaċilitaw it-trasformazzjoni tal-ġarfien u l-assi intellettuali feżiti tanġibbli, b'hekk irawmu l-innovazzjoni u l-prospertà. JISĦAQ, f'dak ir-rigward, fuq ir-rwol taċ-ċentri tat-teknoloġija, l-inkubaturi, l-laboratorji haġġin, il-pjattaformi ta' innovazzjoni, il-prospettiva u n-networks, l-avvenimenti ta' taħriġ u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet, fost l-oħrajn. JAPPELLA lill-Istati Membri jikkollegaw l-atturi ta' dawn l-inizjattivi biex tittejjeb l-adozzjoni tal-innovazzjonijiet fl-industrija, is-settur pubbliku u s-soċjetà. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' politika rilevanti taż-ŻER.

6. JISSOTTOLINJA l-importanza strateġika tat-teknoloġiji kritiċi u emerġenti - bħall-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji tax-xjenza tal-ħajja u materjal avvanzat - fit-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-Unjoni fil-ktajjen ta' valur mondjali u t-tmexxija tar-reżiljenza u s-sostenibbiltà tagħha, inkluż l-għanijiet strateġiċi ta' reindustrializzazzjoni tagħha. JISĦAQ li l-adozzjoni mifruxa ta' dawn it-teknoloġiji hija essenzjali biex tinżamm it-tmexxija teknoloġika tal-Unjoni u tiġi ffaċilitata produzzjoni aktar intelliġenti u aktar kosteffettiva fl-Unjoni. Barra minn hekk, ir-rwol tagħhom jestendi għall-indirizzar tal-isfidi ewlenin tas-soċjetà marbuta mad-demokrazija, l-inklużività, is-saħħa pubblika u l-benesseri, is-sigurtà u t-tibdil fil-klima. JAGĦRAF li l-iżvilupp u l-użu ta' dawn it-teknoloġiji jiddependu ħafna fuq riċerka eċċellenti u avvanzi teknoloġiċi. F'dak il-kuntest, JENFASIZZA r-rwol tar-riċerka fundamentali fil-ħolqien ta' għarfien li jrawwem teknoloġiji ġodda u fixkiela. Għalhekk, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jsir investiment adegwat fir-riċerka fundamentali - inkluż ir-riċerka kollaborattiva - u fix-Xjenzi Soċjali, l-Arti u l-Istudji Umanistiċi (SSAH) - biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tas-soċjetà u biex tiġi sostnuta l-bażi tal-kompetittività tal-Unjoni.
7. JENFASIZZA l-importanza li tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-aċċess għas-suq tal-għarfien maħluq u JAPPELLA lill-Kummissjoni tanalizza l-adeqwatezza u l-effiċjenza tal-għodod ta' finanzjament tal-UE għall-attivitajiet ta' valorizzazzjoni tal-għarfien u s-sinerġiji bejniethom, fil-programmi u l-inizjattivi kollha tal-UE, filwaqt li jitqies il-kontribut mill-atturi tar-R&I u tiġi żgurata l-kopertura tal-kontinwità tal-attivitajiet fil-qasam tar-R&I mir-riċerka fundamentali sal-adozzjoni mis-suq u mis-soċjetà.
8. JAPPELLA lill-Kummissjoni ttejjeb is-sinerġiji bejn Orizzont Ewropa, il-Programm Ewropa Diġitali, Erasmus +, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Ewropew għad-Difiża, LIFE, il-programm Spazjali Ewropew, u fondi u programmi oħra rilevanti tal-UE għall-valorizzazzjoni tal-għarfien. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati sinerġiji bejn tali opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE fl-istadju tat-tfassil tagħhom.

9. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jippromwovu l-komplementarjetà bejn il-programmi ta' finanzjament reġjonali, nazzjonali u Ewropej fl-appoġġ tal-valorizzazzjoni tal-għarfien b'mod koordinat. IHEĠĠEGĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jsegu l-azzjonijiet li fadal tan-NEIA. IFAKKAR li l-istrateġiji reġjonali bbażati fuq l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u l-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza huma qafas adatt f'dak ir-rigward. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tinvestiga, flimkien mal-Istati Membri, aktar opportunitajiet biex tiġi inċentivata l-valorizzazzjoni tal-għarfien fuq il-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż permezz tal-istrumenti tal-UE sabiex jiġu indirizzati d-diversi livelli ta' prestazzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Istati Membri u r-reġjuni billi jissaħħu u jiġi konnessi l-ekosistemi tal-innovazzjoni.
10. JISTIEDEN lill-Istati Membri jstimulaw l-użu ta' laboratorji haġġin, inkubaturi, komunitajiet tal-għarfien, dimostraturi industrijali u ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu ttestjati l-innovazzjonijiet, jistabilixxu kundizzjonijiet adegwati għall-partijiet privati dwar l-effiċjenza ta' dawn l-innovazzjonijiet, jiffaċilitaw il-ġbir tal-kapital ta' avvjament, iħarrġu timijiet, u jsaħħu r-rwol tal-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u vokazzjonali fil-valorizzazzjoni tal-għarfien.
11. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament tar-riskju u ż-żieda tal-kapital ta' avvjament privat u pubbliku u l-kapital tat-tkabbir, speċjalment għall-ispin-offs, in-negozji l-ġodda, in-negozji li qed jespandu, u l-SMEs, permezz ta' ħidma mas-settur bankarju, l-investituri privati u l-fondi ta' kapital ta' riskju, inkluż permezz tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni. IHEĠĠEGĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinvestigaw aktar possibbiltajiet f'din id-direzzjoni, b'hekk jevitaw approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd".
12. JAPPOĠĠA l-azzjonijiet tal-NEIA li għandhom l-għan li jstimulaw l-adozzjoni tal-innovazzjoni permezz tal-akkwist ta' innovazzjoni f'dak ir-rigward, JISTIEDEN lill-Kummissjoni tinvestiga aktar modi biex tappoġġa u tnaqqas ir-riskju marbut mal-użu ta' dan l-istrument, biex ittejjeb is-sensibilizzazzjoni u l-għarfien fil-fond tal-akkwist ta' innovazzjoni fl-Istati Membri. IHEĠĠEGĠ lill-Istati Membri jiżguraw ir-rikonoxximent tal-akkwist ta' innovazzjoni fl-istrateġiji ta' innovazzjoni nazzjonali u reġjonali tagħhom u jippromwovu l-adozzjoni tiegħu max-xerrejja pubbliċi, u jikkunsidraw li jħeġġu lix-xerrejja pubbliċi jħallu s-sjieda tal-proprjetà intellettuali fl-akkwisti pubbliċi lill-kuntratturi fejn xieraq.

13. JISTIEDEN lill-Istati Membri jsaħħu l-attrawenza tal-ekosistema Ewropea tar-R&I, inkluż għall-investituri, billi jżidu l-kwalità tal-kapaċitajiet ta' valorizzazzjoni tal-għarfien, irawmu l-effettività u l-ftuħ tal-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, id-disponibbiltà tal-forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u ta' data tar-riċerka FAIR, l-attrawenza tal-qafas regolatorju u tal-kollaborazzjoni internazzjonali, filwaqt li jżommu f'moħħhom is-sigurtà tar-riċerka Ewropea meta jistabbilixxu l-kooperazzjoni internazzjonali. JENFASIZZA l-importanza li tiġi ffaċilitata l-valorizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka fl-Ewropa, biex jiġu ingranati l-investimenti privati u jiġi promoss żvilupp reżiljenti tal-industrija tal-Unjoni.
14. JISSOTTOLINJA l-importanza strateġika tal-kooperazzjoni pubblika-privata bħala s-sinsla tal-proċess ta' valorizzazzjoni tal-għarfien. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jimplimentaw strateġiji li jħeġġu lin-negozji jikkollaboraw mar-riċerkaturi Ewropej u jġibu teknoloġiji, prodotti u servizzi innovattivi fis-suq, u b'hekk jallinjaw dan l-eżiti tar-riċerka mad-domandi tas-suq u tas-soċjetà, u jiffaċilitaw tali kooperazzjoni anke permezz ta' programmi ta' finanzjament reġjonali, nazzjonali u Ewropej.
15. IFAKKAR li t-tisħiħ tat-tmexxija teknoloġika, ir-reżiljenza ekonomika u l-kompetittività tal-UE jirrikjedi ċertezza legali flimkien mat-tnaqqis tal-piż regolatorju u t-tneħħija ta' ostakli legali, biex jiġi żgurat li s-suq intern jistimula u jappoġġa l-valorizzazzjoni tal-għarfien. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, joffru appoġġ imsaħħaħ għall-SMEs, l-ispin-offs, u n-negozji l-ġodda biex jinnavigaw il-qafas regolatorju, kif ukoll proċessi ta' standardizzazzjoni u aċċess imtejjeb għall-programmi ta' finanzjament tar-R&I tal-UE jew programmi oħra tal-UE rilevanti għall-valorizzazzjoni tal-għarfien.

Nagħlqu d-distakk fin-netwerk ta' intermedjarji u faċilitaturi tal-innovazzjoni

16. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex isaħħu l-kapaċità tal-intermedjarji bejn id-dinja akkademika u n-negozji fl-Istati Membri, bħall-Uffiċċji għat-Trasferiment tal-Għarfien u t-Teknoloġija (KTTOs), għall-ġestjoni tal-assi intellettuali u għall-investigazzjoni tas-suq u/jew il-potenzjal għas-soċjetà tal-assi intellettuali li jirriżultaw minn proġetti tal-Programm Qafas.
17. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jsaħħu r-rwol tal-intermedjarji bħall-KTTOs billi jsaħħu l-professjonalizzazzjoni tagħhom u jħeġġu t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-iżvilupp tal-ħiliet li jippermettulhom jidentifikaw il-valur fl-għarfien fil-qasam tar-R&I. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jesploraw l-appoġġ tal-intermedjarji bejn id-dinja akkademika u n-negozji biex jassistu fl-attivitajiet ta' żvilupp tan-negozju, it-trasferiment u l-valorizzazzjoni tal-għarfien.
18. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jesploraw l-użu tal-intelliġenza artifiċjali għall-identifikazzjoni tal-potenzjal ta' valorizzazzjoni u kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u jippromwov u l-iżvilupp ta' strumenti korrispondenti fl-Ewropa, skont l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali¹¹.
19. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-interkonnessjoni tal-ekosistemi tal-innovazzjoni, l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, il-preinkubaturi, l-inkubaturi, il-postijiet tax-xogħol għan-negozji l-ġodda, il-hubs, il-KTTOs, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ambjent diġitali, il-konsulenti legali u atturi rilevanti oħra, inklużi dawk li jfasslu l-politika, madwar l-Ewropa, biex jistimulaw proċess aktar effiċjenti ta' valorizzazzjoni tal-għarfien u disseminazzjoni tal-għarfien lil diversi benefiċjarji. JENFASIZZA l-importanza ta' din l-interkonnessjoni mhux biss f'termini ta' effiċjenza, iżda wkoll bħala strument biex jiġi indirizzat id-distakk fl-innovazzjoni.

¹¹ P9_TA(2024)0138, COR1.

20. JHEĠĠĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jrawmu l-kollaborazzjoni bejn id-diversi atturi tal-proċess ta' valorizzazzjoni tal-ġarfien u jinċentivawhom biex jitrattaw il-valorizzazzjoni tal-ġarfien bħala proċess kontinwu, aktar milli bħala passi separati. JAPPELLA lill-Kummissjoni, f'dak ir-rigward, biex tirrevedi l-Kodiċijiet ta' Prattika dwar il-Ġestjoni tal-Assi Intellettwali u dwar l-Istandardizzazzjoni, meta jkun meħtieġ. JISTIEDEN lill-Istati Membri jippromwovu l-użu ta' inizjattivi li jappoġġaw in-networking ta' diversi atturi fil-proċess ta' valorizzazzjoni tal-ġarfien.
21. JENFASIZZA r-rwol importanti u speċifiku tal-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija għall-valorizzazzjoni tal-ġarfien u għat-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn l-universitajiet, l-istituti tar-riċerka u s-settur tan-negozju. JAPPELLA lill-Kummissjoni tissuġġerixxi definizzjoni u tippreżenta l-immappjar tal-ħtiġijiet tal-utenti għall-infrastrutturi tat-teknoloġija fl-UE sa nofs l-2025. IQIS li l-iżvilupp ta' strateġija tal-UE għall-infrastrutturi tat-teknoloġija bħala segwitu għal dan l-immappjar huwa essenzjali biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-investimenti, għall-iżvilupp ta' assi komplementari u għat-tnaqqis tar-riskji fil-proċessi ta' innovazzjoni, filwaqt li titqies il-ħidma rilevanti tal-ESFRI. Biex tkompli tissaħħaħ il-valorizzazzjoni tal-ġarfien permezz tal-istrateġija, JAPPELLA lill-Kummissjoni trawwem il-konnessjoni bejn l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, tiffaċilita l-aċċess b'mod partikolari għall-SMEs, u tiżviluppa servizzi ta' appoġġ relatati mal-ġestjoni tal-assi intellettwali, it-taħriġ, l-aspetti regolatorji jew ta' standardizzazzjoni.
22. JAGĦRAF ir-rilevanza tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorji tal-UE biex jippermettu l-isperimentazzjoni u l-ittestjar u biex jinholq ambjent regolatorju li jaċċellera l-innovazzjoni, u JHEĠĠĠ lill-Kummissjoni tagħmel proposti konkreti dwar l-implimentazzjoni tagħhom. JISTIEDEN lill-Istati Membri jużaw l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorji b'attenzjoni speċifika għall-SMEs u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri u tipprovdi aktar gwida, pariri u appoġġ biex jitrawwem it-tagħlim regolatorju madwar l-UE.

ŻVILUPP TA' KULTURA TA' VALORIZZAZZJONI TAL-GĦARFIEN

Inrawmu l-kollaborazzjoni

23. JISĦAQ li l-iżvilupp ta' kultura ta' valorizzazzjoni tal-għarfien jinvolvi t-trawwim ta' ambjent fejn l-individwi, l-istituzzjonijiet u n-negozji jirrikonoxxu, japprezzaw u jikkollaboraw b'mod attiv fil-proċess li l-għarfien jitfisser f'eżiti konkreti, u JENFASIZZA f'dan ir-rigward ir-rwol kritiku li l-valutazzjoni tar-riċerka għandha taqdi, b'mod partikolari l-ħidma tal-CoARA (Koalizzjoni għall-Avvanz tal-Valutazzjoni tar-Riċerka). F'dan il-kuntest, IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jippromwovu mentalità kollaborattiva, inkluż billi titqajjem kuxjenza fil-livell ta' tmexxija tal-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka; jagħrfu u jippremjaw l-isforzi għall-valorizzazzjoni tal-għarfien; jintegraw il-valorizzazzjoni tal-għarfien fl-edukazzjoni; jiffaċilita n-networking u l-komunikazzjoni; jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi u jippromwovu d-diversità u l-inklużjoni.
24. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinvolvu l-"ispiral kwadru" (id-dinja akkademika, l-awtoritajiet pubbliċi, l-industrija u s-soċjetà ċivili) fl-istadji bikrija tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni. JAPPOĠĠA l-kokreazzjoni mtejba bejn l-industrija u d-dinja akkademika fejn dawn isegwu b'mod proattiv interess komuni u jipproduċu u jivvalorizzaw l-għarfien b'mod konġunt. JENFASIZZA l-hteġa li tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fix-xjenza u l-innovazzjoni permezz tal-komunikazzjoni dwar il-benefiċċji tal-eżiti tal-valorizzazzjoni tal-għarfien fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. JISĦAQ fuq il-hteġa li jiġi inklużi kemm l-involviment taċ-ċittadini fir-riċerka kif ukoll l-innovazzjoni xprunata mill-utent u JFAKKAR fl-importanza tat-tfassil ta' politika informat mill-evidenza.
25. IĦEĠĠEĠ il-promozzjoni ta' kollaborazzjonijiet multidixxiplinari u transdixxiplinari fl-oqsma kollha tal-innovazzjoni, b'mod partikolari l-kollaborazzjonijiet bejn STEM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija, Matematika) u SSAH li jrawmu sħubijiet, proġetti konġunti ta' riċerka, dakkir inkroċjat għall-innovazzjoni u pjattaformi għall-kondiviżjoni tal-għarfien biex jiġi indirizzati s-sostenibbiltà u l-prijoritajiet strateġiċi fil-politiki soċjali, ambjentali u ekonomiċi. IĦEĠĠEĠ f'dan ir-rigward il-kollaborazzjoni bejn STEM u SSAH fil-livell ta' azzjonijiet ta' R&I appoġġati mill-UE.

26. JENFASIZZA li l-prattiki tax-xjenza miftuħa jippermettu l-valorizzazzjoni tal-għarfien. Dan jinkludi l-iżgurar li l-oġġetti diġitali tar-riċerka jkunu FAIR mill-mument tat-tfassil. JAPPELLA lill-Istati Membri jadottaw oqfsa li jiffaċilitaw il-ġestjoni strateġika tal-assi intellettuali mill-istituzzjonijiet ta' riċerka u r-riċerkaturi, biex b'hekk jippermettu x-xjenza miftuħa u l-prattiki ta' innovazzjoni miftuħa, it-trasferiment u l-valorizzazzjoni tal-għarfien.
27. IFAKKAR fl-importanza tal-kollaborazzjoni intersettorjali biex jittejjbu ċ-ċirkolazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-għarfien; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tkompli tinċentiva l-kollaborazzjoni u l-mobbiltà intersettorjali fil-programmi tagħha ta' R&I u JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jappoġġaw il-bidla organizzattiva lejn karrieri fir-R&I aktar attraenti u sostenibbli fid-dinja akkademika u lil hinn minnha, filwaqt li jrawmu mentalità intraprenditorjali.

Intejbu l-programmi ta' taħriġ għall-intraprenditorija u l-innovazzjoni fid-dixxiplini kollha

28. JAPPELLA lill-Istati Membri iqajmu kuxjenza dwar il-valorizzazzjoni tal-għarfien u l-ġestjoni tal-assi intellettuali fost il-partijiet ikkonċernati, inkluż fi stadju bikri tal-karrieri tar-riċerkaturi. IĦEĠĠEĠ l-għoti lill-partijiet ikkonċernati ta' taħriġ, riżorsi u gwida dwar l-intraprenditorija, it-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija, il-ġestjoni tal-assi intellettuali u l-politiki f'dan il-qasam, l-akkwist ta' innovazzjoni u x-Xjenza Miftuħa; u JAPPOĠĠA d-disseminazzjoni tal-aħjar Prattika fost l-Istati Membri.
29. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li titrawwem kultura intraprenditorjali tul il-programmi ta' taħriġ u mobiltà u n-netwerks ta' konsulenza u li jiġu sfruttati l-inizjattivi tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija fil-pilastru edukattiv tiegħu lejn il-mentalità intraprenditorjali. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jżidu l-opportunitajiet ta' taġlim għall-istudenti u r-riċerkaturi dwar il-ħtiġijiet speċifiċi tal-industrija u tal-atturi tas-soċjetà, li ser jistimolaw l-isforzi tagħhom fir-riċerka lejn soluzzjonijiet innovattivi kif ukoll il-ħiliet ta' komunikazzjoni tagħhom fis-setturi kollha. JENFASIZZA li, biex tinkiseb mentalità intraprenditorjali, huwa importanti li wieħed ikollu aċċess għal dawn l-opportunitajiet ta' taġlim minn età bikrija.

30. JAGĦRAF li huwa essenzjali li jiġu promossi kemm il-ħiliet kemm SSAH kif ukoll STEM billi titqajjem kuxjenza permezz tal-edukazzjoni, il-media jew l-arti, jiġu offruti opportunitajiet ta' taġlim tul il-ħajja, u tissaħħaħ l-attraenza tas-suq tax-xogħol. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-oqsma kollha tax-xjenza u l-edukazzjoni jikkollaboraw mal-industrija biex jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, u l-ħtieġa li jiġi indirizzat il-preġudizzju marbut mal-ġeneru u d-diversità, kif ukoll l-iżbilanċi bejn il-ġeneri, jitrawmu t-talenti kollha, jiġu attirati mudelli eżemplari u ssir komunikazzjoni mifruxa dwar l-aħjar prattiki f'dan il-kuntest.
31. JAPPOĠĠA l-promozzjoni tat-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol permezz tat-taġlim tul il-ħajja, speċjalment fl-oqsma tal-innovazzjoni u diġitali. JISSUĠĠERIXXI, f'dan ir-rigward, li jiġi integrat it-taħriġ dwar il-ġestjoni tal-assi intellettuali għar-riċerkaturi u l-intraprendituri u li tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni effettiva mal-KTTOs. JISĦAQ fuq l-importanza tat-taħriġ vokazzjonali f'dan ir-rigward.
-